MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 169/2011

**Lufthansa Technik Malta Limited – C 30022**

**vs**

**Emrich Bonnici**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ hemm TALBA biex il-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro u erba' centezmi (€3,494.04c) ghal rifuzjoni ta' flus mahruga minnha ghat-tahrig tieghu skond "Bord Agreement Licence B1 or B2".

**Ra** r-RISPOSTA tal-konvenut hekk:-

1. Is-socjeta' attrici rrinunzjat ghall-pretensjonijiet minnha avanzati fil-kawza.

2. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

II PROVI

1. Wara li fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2011 tnizzel li jidher li hemm lok ghall-inversjoni tal-provi, fl-udjenza ta' wara xehed il-konvenut li beda biex esebixxa dokumenti (*a fol* 14 *et seq*). Dawn huma hekk:

Dok EB1 (*a fol* 14): Ittra datata 19.04.2010 mill-Human Resources Manager tas-socjeta' attrici, lill-konvenut, b'riferenza ghall-ittra ta' rizenja ta' dan, datata 15.04.2010 fejn, *inter alia*, is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-*quantum* mitlub fl-AVVIZ.

Dok EB2 (*a fol* 15): Ittra datata 15.06.2010 b'*reminder* ghall-hlas imsemmi.

Dok EB4 (*a fol* 16/17): *Payslip* datata 12.05.2010

Dok LT1 (*a fol* 18/19): Bond Agreement Licence B1 or B2

2. **Emrich Bonnici**, konvenut xehed li fil-2005 il-kumpanija kienet hallset biex hu u 18-il persuna ohra jsegwu kors ghal licenzja biex ikunu jistghu jiccertifikaw ix-xoghol ta' manutenzjoni ta' ajruplani. Hu ghadda l-kors u c-certifikati kienu fil-pussess tal-Lufthansa. Apparti c-certifikati, ried esperjenza biex japplika ghal-Licenza kategorija B.

3. Meta mar jitlob ic-certifikat qalulu li ried jiffirma "bond agreement". Xi 5 snin wara giet stabbilita Sky Technik u ried imur jahdem maghhom. Ta n-*notice* ma xi 7 shabu li kienu bil-licenza bhalu. Hu rcieva ittra bhal ta' shabu hlief li fil-kaz tieghu kien hemm mizjud paragrafu b'talba biex ihallas €3,494.40c lil Lufthansa – Dok EB1. Hawn hu mar ghand Daryl Hayman li kien allura rapprezentant tal-*Union of Airline Engineers*, li taghha kien membru u gharrfu b'dan. Hayman qallu li ma kienx sewwa li jkun trattat differenti minn haddiehor. Meta, quddiemu, Hayman cempel lil HR Manager, dan irriferieh ghall-*Bond Agreement* u hawn Hayman semma d-dikriminazzjoni. Ir-risposta kienet li kien instab ftehim mal-konvenut biss u kienu ser jinsistu fuqu.

4. Hawn il-konvenut kellem lis-CEO Louis Giordimaina u qajjem il-punt tad-diskriminazzjoni izda kien ghalxejn. Pero, Daryl Hayman kien qallu li meta hu u s-CEO kienu wehidhom, dan kien qallu li darba li haddiehor ma kienx ser ihallas skond l-*agreement* il-konvenut ma kellu jhallas xejn. B'danakollu rcieva l-ittra Dok EB2 – meta allura kien ga qed jahdem ma Sky Technik.

5. Il-konvenut spicca jghid li fl-ahhar paga li ha mill-Lufthansa kien hemm imnizzla aktar minn €6000 li kienu tawh bhala kumpens fuq *leave* li ma hax; "allura kieku dawn verament riedu jiehdu dawk il-flus kienu jehduhom minn dan il-*pay cheque"* (*a fol* 16)

6. **<u>Roland Camilleri</u>** kien kollega tal-konvenut bejn l-2002 u l-2010 u hu wkoll telaq minn mas-socjeta' attrici. Jaf bil-"bond agreement" li kellu l-konvenut ghax kienu jitkellmu flimkien. Daryl Hayman kien qallu quddiemu li la l-ohrajn ma hallsu xejn, hu m'ghandux ihallas. X'awtorita' kellu li jghid dan, hu ma jafx.

7. **<u>Daryl Hayman</u>** xehed meta kien *Paying Manager* mal-kumpanija attrici. Meta l-konvenut telaq minn mal-kumpanija, x-xhud kien *line leader*. Hu kien jirraprezenta lill-impjegati fl-*Aero Nautical Aircraft Engineers Association.* Il-konvenut kien fost dawk li kellu il-*bond agreement* u meta gie biex jitlaq, intalab ihallas skond dan il-ftehim. Il-konvenut kellmu dwar dan u saret laqgha mas-CEO Giordimaina li ghaliha x-xhud kien hemm bhala rapprezentant tal-Union.

8. F'din il-laqgha, il-konvenut sostna li kien ingust li hu jhallas skond il-*bond* u ohrajn bhalu le. Is-CEO kellu jindaga, izda wara li hareg il-konvenut u baqghu x-xhud u s-CEO, dan qal li probabilment li gara kien li kien hemm *trainee manager* differenti. Is-CEO kellu jindaga. Wara xi tlett ijiem ix-xhud ircieva risposta li "il-konvenut ma jistax johrog minn dak li kien iffirma ghalih fil-*bond agreement"*. B'dan hu gharraf lill-konvenut u qallu li minn hemm 'l quddiem ma sata jaghmel xejn izjed.

9. Il-grupp li minnu kien jaghmel sehem il-konvenut kien ta’ xi 10/15 ir-ruh fost 500/550 impjegati. Il-grupp li kien ser jitlaq kienu nginiera, B1/2 *certified staff.*

10. In kontro-ezami, x-xhud qal li kien hemm ohrajn li hallsu. Ma jafx b’ezattezza min hallas u min le. Dana ghax il-konvenut kien l-uniku mpjegat li resaq lejh. Hawn hu rrifera ghad-Dok DH (*a fol* 27) prezentat fl-udjenza mid-difensur tas-socjeta’ attrici. Hi ittra, datata 14.06.10, mis-CEO Giordimaina lix-xhud li tghid li meta s-CEO ezamina l-kaz sab li fil-kaz tal-konvenut kien hemm *bond agreement* izda “The others had no such engagement and for this reason, no claim was lodged against them”. Meta ltaqa mas-CEO wara din l-ittra, is-CEO qallu li “ma setax imur lura minn dak li kien hemm fil-*bond agreement*”. B’dan gharraf lill-konvenut u qallu li hu s’hemm seta jasal.

11. **Vincent Criminale** qal li fl-2002 kien *technician* mal-Lufthansa u kien mal-konvenut u hadu t-tahrig u l-licenza flimkien. Hu ffirma *bond agreement* – Dok VC (*a fol* 34 *et seq*) u telaq minn mal-Lufthansa f’Settembru 2008, zmien kopert bil-*bond agreement* izda lilu hadd ma talbu hlas. It-tahrig tieghu kien bhal tal-konvenut. Fi zmien li hareg il-*bond agreement* l-HR Manager kienet Antoinette Caruana.

12. **Claude Frendo**, *Chief Officer of Human Resources* mal-Lufthansa qal li jaf lill-konvenut. Meta haddiem jirrizenja jaghmlu ezercizzju biex jaraw x’ghandhom ituh u x’ghandu jtihom, skond il-*bond agreement*. Fil-kaz tal-konvenut, meta rrizenja kien ghad hemm hajja *claim* u fir-rigward hemm dak li qed jitolbu. Ftehim bhal dan isir meta jkun hemm kors involut – kif gara fil-kaz tal-konvenut.

13. Hu kien avvicinat minn Daryl Hayman li staqsieh ghaliex kienu qed jitolbu l-hlas in kwistjoni minghand il-konvenut mentri ma kienx l-istess fil-kaz ta’ ohrajn. Wiegeb li fil-kaz tal-konvenut sab il-*bond agreement*, fil-kaz ta’ ohrajn le. Dan irrizultalu mill-*files* ghax hu dak iz-zmien ma kienx involut. Huma kellhom struzzjonijiet

precizi mill-Germanja biex isegwu ftehim u b'dan kien gharraf lis-CEO Giordimaina.

14. In kontro-ezami qal li jaf b'zewg persuni ohra b'*bond agreement* simili ghal tal-konvenut, fosthom Vincent Criminali. Dan kien telaq fi zmien bejn HR Manager u iehor u l-*bond* ma hallsux izda jaf b'persuna ohra li hallset. Dan kien Kenneth Mifsud. Dwar Criminale issa hareg *claim* ukoll.

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal jikkunsidra kif gej:-

1. Jibda biex jinnota li l-konvenut mhux qed jichad l-ezistenza tal-ftehim Dok LT1 - il-*Bond Agreement*. Anqas ma qed jichad li t-talba attrici strettament taqa fit-termini ta' dak il-ftehim. Id-difiza tal-konvenut jidher li qeghda fuq zewg binarji:

i) Li s-socjeta' attrici rrinunzjat ghar-rifuzjoni.
ii) Li l-konvenut sofra minn diskrimazzjoni ghax haddiema ohra bhalu preciz ma ntrabtux b'dan il-*bond agreement* jew ir-rifuzjoni ma gietx mitluba mill-kumpanija.

2. Il-ftehim jghid dak li jghid u ma jistax ikun aktar car. Sa hawn il-kaz tas-socjeta' attrici hu mressaq soddisfacentement. Issa sta ghall-konvenut li jsostni l-linji difensjonali u li jipprova l-validita' taghhom.

3. Dwar is-suppost rinunzja, din ma rrizultatx. Meta Daryl Hayman u l-konvenut kellmu lis-CEO Giordimaina, dan wera certa simpatija lejn il-kaz tal-konvenut izda zied li <u>ried jinvestiga</u> ghax ma kellux konoxxenza personali tac-cirkostanzi tal-kaz.

4. SA hawn ma kien hemm ebda rabta da parti tas-CEO li l-kumpanija kienet ser tirrinunzja ghall-*claim*. Dana apparti l-kwistjoni jekk, l-istess CEO kellux l-awtorita' li jirrinunzja f'isem il-kumpanija, ghar-rifuzjoni. L-imgieba tas-CEO li lill-konvenut ma qatghalux barra, ma kienetx xi rabta b'effetti legali. Il-kortesija tas-CEO Giordimaina

setghet nisslet, jew aktarx nisslet tama fil-konvenut, izda d-decizjoni finali kienet il-LE li nsibu fl-ittra Dok DH *a fol* 27. Hawn is-CEO qed jghid lil Daryl Hayman, b'riferenza ghal laqgha li kellhom, li kien intrabat "that I would look personally into the matter" u meta sar dan sab il-*Bond Agreement* u li "all claims made shall have to remain in force"

5. Ghalhekk it-TRIBUNAL jasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut ma wasalx biex jipprova r-rinunzja – prova li kienet tmiss li ssir minnu.

6. Dwar l-element ta' diskriminazzjoni, it-TRIBUNAL iqis li l-kumpanija ma qatghetx figura tajba meta rrizulta li ma haddiema fl-istess sitwazzjoni, fil-kaz ta' whud (il-ftit) esigiet *Bond* u fil-kaz ta' ohrajn le. Hawn ta' min jghid li skond Claude Frendo, Kenneth Mifsud (kollega tal-konvenut) hallas skond il-*Bond* u hemm proceduri kontra Vincent Criminale.

7. Quddiemu t-TRIBUNAL ghandu *money claim* u hawn mhiex is-*sede* dwar problema ta' diskriminazzjoni fuq ix-xoghol. Targa kellna sitwazzjoni fejn il-haddiema kellhom it-*trade union* taghhom fejn kollox kien bazat fuq ftehim bil-miktub, firmat minn min ihaddem u mill-haddiem konvenut odjern.

8. Ghalhekk it-TRIBUNAL ma jistax jaccetta dan it-tieni argument jew linja difensonali tal-konvenut bhala oggezzjoni valida kontra t-TALBA fl-Avviz prezenti.

IV DECIZJONI

Meqjus dan kollu u wara li sama s-sottomissjonijiet tal-partijiet it-TRIBUNAL jiddeciedi billi wara li (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, (2) **jilqa** t-talba attrici u **jikkundanna** lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-*quantum* mitlub ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro u erba' centezmi (€3,494.04c) sa tletin (30) jum mil-lum, b'dana li jekk dan il-hlas ma jsirx fiz-zmien imsemmi jibda ghaddej l-imghax mill-wiehed u tletin (31) jum sal-jum tal-pagament effettiv u, fic-cirkostanzi (3) **jiddeciedi** li

l-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti basta li l-konvenut ihallas il-*quantum* imsemmi fi zmien tletin jum kif ga msemmi u fin-nuqqas l-istess konvenut ihallas hu l-ispejjes kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------